RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1185 tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 rigward l-aġġornament u l-ikkompletar tar-regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru (SERA Parti C) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 730/2006

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 196 tal-21 ta' Lulju 2016)

Fil-paġna 29, fl-Anness, fil-punt 25, fl-emendi tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, fit-taqsima 14, fil-punt SERA.14090 (a),

minflok: "Il-frażijoloġiji għall-moviment tal-vetturi, minbarra t-trakters tal-irmonk, fuq iż-żona ta' mmanuvrar għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati għall-moviment ta' inġenju tal-ajru, ħlief għal istruzzjonijiet ta' taxiing, f'liema każ il-kelma 'PROCEED' (ipproċedi) għandha tiġi mibdula bil-kelma 'TAXI' fil-komunikazzjoni mal-vetturi",

aqra: "Il-frażijoloġiji għall-moviment tal-vetturi, minbarra t-trakters tal-irmonk, fuq iż-żona ta' mmanuvrar għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati għall-moviment ta' inġenju tal-ajru, ħlief għal istruzzjonijiet ta' taxiing, f'liema każ il-kelma 'PROCEED' (ipproċedi) għandha tissostitixxi l-kelma 'TAXI' fil-komunikazzjoni mal-vetturi.".